**A.L. 102 tal-2022**

## ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

### Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.54.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2022:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara s-7 ta' Marzu 2022 għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel proviso tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) fit-tieni proviso tiegħu, il-kliem "Iżda wkoll il-bars," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda l-bars,".

**L.N. 102 of 2022**

## PUBLIC HEALTH ACT
## (CAP. 465)

## Closure of Food and Drink Outlets (Amendment No. 3) Regulations, 2022

IN EXERCISE of the powers conferred by article 26 of the Public Health Act, the Minister responsible for public health, after consultation with the Superintendent of Public Health, has made the following regulations:-

Citation and commencement.

S.L. 465.54.

**1.** (1) The title of these regulations is the Closure of Food and Drink Outlets (Amendment No. 3) Regulations, 2022 and these regulations shall be read and construed as one with the Closure of Food and Drink Outlets Regulations, hereinafter referred to as the "principal regulations".

(2) These regulations shall come into force on 7 March 2022:

Provided that the principal regulations which are being amended by virtue of these regulations shall be deemed to be still in force, even after 7 March 2022, for the purposes of any act, decision, action or proceedings taken in respect of any breach of those regulations.

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**2.** Regulation 2 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) the first proviso thereof shall be deleted; and

(b) in the second proviso thereof, the words "Provided further that all bars," shall be substituted by the words "Provided that all bars,"